# TAQBIL TAT - TFAL U FOLKLOR

minn Angelo Dougall

Fis-snin erbghin, fil-Marsa, it-tfal kienu jinstemghu iqabblu daqsxejn ta' taqbila; u billi fil-Marsa kien hemm, kif ghad hemm, il-patrijiet Kapuccini, milli wiehed jista' jifhem, kien hemm xi Fra jew xi Patri jismu Geremija, ghaliex it-taqbila tat-tfal kienet din:

Patri Geremija,
Gera wara' mija,
U qabad disgha u disghin.

Imma l-ghanjiet tat-tfal jinbidlu skond kif iqabblilhom iqabblu t-tfal; U t-tfal joholqu l-ghana taghhom kif jaqblilhom u kif jisimghuhom min ghand haddiehor. Mela xi ftit gimghat ilu, ghal habta ta' nofs is-sena, kont fuq karrozza tal-linja sejjer minn Birzebbuga lejn il-Belt. Wasalna Bir id-Deheb u tela' pulizzjott, u mar joqghod fuq bank in-naha ta' wara'. Fuq quddiem kienhemm zewgt itfal bil qeghda, u wiehed ta' xi seba' snin, malli ra dan il-pulizzjott, bi tbissima kemxejn nibbxija, qal din taht l-ilsien, imma hafna semghuh:

Geremija l-pulizija,
Telaq jigri wara' mija,
Qabad wiehed u mank tnejn,
Harbulu disgha u disghin!

U tifel iehor li kien mieghu bhal instamat u qallu: "Iva ara ma jarrestakx!"

Taqbila tat-tfal, li wisq probabbli originat minn Birzebbuga, u donnha din it-taqbila hi varjazzjoni ta' dik tal-Marsa.